**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 1 ta' Lulju 2025**

**Rikors Numru 493/2024**

**Monica sive Monique Zammit (KI. 789959M)**
**Mary Mangion (KI. 1076448M)**
**John Muscat (KI. 536276M)**
**Luke Muscat (KI. 116082M)**
**Felicity Muscat (KI. 238253M)**
**Ella McHarg (KI 0008705L)**
**Edward Amato (KI. 720055M)**
**Michael Balzan (K.I. 977049M)**
**Keith Balzan (K.I.449888M)**
**Rodianne Romina Robbins (K.I. 224895M)**
**Claude Muscat (K.I. 726856M)**
**Christina Scicluna (KI. 215888M)**
**Mark Muscat (KI. 150386M)**

**Vs**

**Hacik Marik (KI. 372212L)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat mir-**rikorrenti** fit-3 ta' Diċembru, 2024, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

***1.*** *Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond* ***90, St. Trophomous Street, Sliema,*** *li l-mejjet Tabib Dr. John Muscat missier u n-nannu tal-esponenti li huwa akkwista*

*b'kuntratt tal-17 ta' Lulju 1948, fl-atti tan-Nutar Mario Bonello li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dokument A.***

**2.** *Illi t-Tabib John Muscat kien mizzewweg lil Ethel Muscat, u l-wirt tat-Tabib John Muscat li miet fl-4 ta' Settembru 1990, iddevolva permezz ta' testment tas-16 ta' Dicembru 1971 fl-atti tan-Nutar Philip Saliba li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument B****, fejn innomina bhala eredi tieghu lill-uliedu, Monica sive Monique Zammit, Mary Mangion, Claude Muscat, il-mejjet Onorevoli Pierre Muscat, u l-mejta Louise Balzan u l-mejta Josette Amato soggett ghall-uzufrutt ta' martu Ethel Muscat, ilum mejta, skond denunzja nru. 3636/1992, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***"Dokument C".***

**3.** *Illi l-wirt tal-imsemmi mejjet Pierre Muscat iddevolva fuq uliedu John Muscat, l-mejjet l-Avukat Dottor Karl Muscat u Luke Muscat.*

**4.** *Illi l-Avukat Karl Muscat, miet nhar il-2 ta' Awwissu 2022 u l-wirt tieghu iddevolva permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Naomi Micallef Mugliette fejn innomina bhala eredi tieghu lil Ella Mcharg ghal nofs il-gid tieghu u lil ommu Felicity Muscat ghan-nofs l-iehor hawn annessi u markati bhala* ***Dokument D u E.***

**5.** *Illi l-wirt tal-mejta Louise Balzan iddevolva fuq zewgha Michael Balzan u uliedha Keith Balzan u Rodianne Robbins.*

**6.** *Illi l-wirt ta' Josette Amato ddevolva fuq zewgha Edward Amato.*

**7.** *Illi Ethel Muscat mietet nhar it-23 ta' Settembru 2022, u l-wirt taghha iddevolva permezz ta' testment 23 ta' April 2022 fl-atti tan-Nutar Nicole Cassar hawn anness u mmarkat bhala* ***Dokument F*** *u d-dikjarazzjoni causa mortis tat-13 ta' Lulju 2023, fl-atti tan-Nutar Nicole Cassar immarkat bhala* ***Dokument G.***

**8.** *Illi l-imsemmi fond llum ghandu kera ta' €205.00 pagabbli kull 4 ta' Mejju u 4 ta' Novembru fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009. Il-kirja originarjament kienet ta' Elizabeth Agius, li kienet mizzewga lil Hacik Marik u sussegwentement ghal mewt taghha, ddevolviet fuq l-intimat. L-inkwilin odjern ilhom fil-fond in kwistjoni qabel l-1 ta' Awwissu 1987. Il-kera li kienet tithallas originarjament kienet c.* ***Lm15*** *fis-sena.*

***9.** Illi l-fond in kwistjoni **mhux fond dekontrollat**, skond ċertifikat hawn anness u mmarkat bhala **"<u>Dokument H</u>"**. Illi r-rikorrenti b'hekk kienu u għadhom obbligati illi jgeddu l-kirja indefinittivament bl-istess kera u kundizzjonijiet minħabba d-disposizzjonijiet infami tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendati bl-Att X tal-2009.*

***10.** Illi qed jiġi ezebit ukoll estratt tar-registru elettorali, li qed jiġi hawn anness u mmarkat bhala **DOK I.***

***11.** Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilin **Hacik Marik** bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 m'humiex gusti u ma jikkreawx bilanc ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

***12.** Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilta' tat-tehid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawn l-ahhar decenni u l-interferenza sproporzjonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccesiv fuq ir-rikorrenti, kif ukoll id-dritt li l-inkwilinat jibqa' jintiret minn generazzjoni ghall-ohra huma derimpenti d-drittijiet proprjetarji tas-sidien.*

***13.** Illi ghalhekk effetivament ir-rikorrenti gew spossessati mid-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' taghhom wara li skada t-terminu tal-kirja originali u ghalhekk gew assoggettati wkoll ghal relazzjoni forzata ta' sid u inkwilin ghal perjodu indefinit u ntilef il-bilanc bejn l-interessi ta' l-inkwilini u dawk tas-sidien, minkejja il-ftehim originali surreferit u dan bid-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***14.** Illi l-awmenti fil-kera li kienu intitolati għalihom ir-rikorrenti skond il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 huma irrizorji u miżeri għall-aħħar meta paraġunati mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq u l-potenzjal tiegħu, u għalhekk tali legislazzjoni ma ħolqot l-ebda bilanc bejn l-interessi ġenerali u l-interessi tar-rikorrenti, anzi kompliet tippregudika u tinjora d-drittijiet fundamentali tas-sid.*

***15.** Illi r-rikorrenti gew imcaħħda mit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom minghajr ma setghu juzaw il-proprjeta' u lanqas jiehdu kumpens xieraq għall-okkupazzjoni minn terzi persuni b'mod sfurzat u mhux skond il-pattijiet kuntrattwali minnhom raggunti, imposti fuqhom mill-Awtoritajiet. Infatti, l-unika kumpens li gie offrut ai termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta kien li tithallas iż-żieda fir-rata ta' inflazzjoni tal-kera li ma setgħet qatt teċċedi d-doppju stabbilit fil-kuntratt oriġinali, meta fil-fatt il-valur lokatizzju tal-istess fond, dak iż-*

*żmien u iktar u iktar illum, kien ferm iżjed mill-kera annwali ta'* **LM 15** *fis-sena, liema kera, anke kif sussegwentament awmentata bl-emendi fil-Ligi u tal-Att X tal-2009, hija xorta wahda leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti stante li ma nzammx il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin billi s-sid jircievi kera gusta fis-suq.*

**16.** *Illi r-rikorrenti qatt ma rcevew din il-kera gusta fis-suq minhabba t-tibdil fil-Ligi.*

**17.** *Illi f'dan l-istadju, ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti huma intitolati jippreżentaw rikors quddiem dan il-Bord fejn jitolbu li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matuluha jiġi preżentat ir-rikors, ossia l-2024, u sabiex jiġu stabbilit kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.*

**18.** *Illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jirrevedi l-kera ghall-massimu permessibbli mil-Ligi, u dan mhux biss in vista tal-fatt li l-esponent qeghdin isofru ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba li huma kostreti jirċievu kera rriżorja, imma anke minhabba l-fatt illi l-Awtorita' tad-Djar ser taghti benefiċċju li jkopri ż-żieda tal-kera lill-inkwilini.*

***Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlobu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu:-***

***I. Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi* ***Hacik Marik*** *huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond,* ***90, Saint Trophomous Street, Sliema*** *ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009.*

***II. Jordna*** *illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilin intimat* ***Hacik Marik*** *ai termini tal-Att XXIV tal-2021, liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Mezzi, mahrug taht l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.*

***III. Konsegwentament Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta l-kera ghandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentagg li jista' minn żmien ghal żmien jigi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2024, u cioe s-sena li matulha gie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-każ.*

*IV.* ***Tikkundana*** *lill-inkwilin intimat* ***Hacik Marik*** *jibda jhallas dik it-tali kera hekk likwidata.*

***V. Jaghti dawk l-ordnijiet necessarji*** *ai termini tal-Artikolu 1531F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att XXIV tal-2021 f'kaz li l-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi skont regolamenti mahruga mill-Ministru ghall-Akkomodazzjoni minn zmien ghal zmien.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fit-30 ta' Diċembru, 2024, li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-kera tal-fond.*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma tistax tkun kundannata thallas xi kera u ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk referenza issir ghas-sentenza Catherine Cauchi v Remigio Cassar et Rik 315/20 Qorti Kost deciza 12/07/2023 li tittratta il-kwistjoni jekk fond ghandux jigi valutat bil-"potenzjal" tieghu u it-tifsira ta' dan. .*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilini jissoddisfaw it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed jista' jidhol fuq:* [*https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-*](https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-)

[*tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx*]

*Illi jigi rilevat li l-inkwilini ikunu jistghu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifikaw skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qieghdin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom.*

*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.*

Ra r-risposta tal-**intimat** ippreżentata fis-17 ta' Frar, 2025, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

1. *Illi, l-esponenti jikkonferma li huwa l-inkwilin tal-fond bin-numru, 90 St Trophimus Street tas-Sliema, taħt titolu validu ta' kera u skond id-dritt mogħti lilu mill-liġi, u għalhekk dan il-Bord għandu jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti.*

2. *Illi l-esponenti ma jsib l-ebda oġġezzzjoni li jissoġġetta ruhu għat-test tal-mezzi kif mitlub mir-rikorrenti fit-tieni talba tagħhom mill-liema jirrizuta li huwa għandu mezzi limitati u dan kif ser jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża;*

3. *Illi fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti u speċifikament fejn ir-rikorrenti qegħdin jitolbu sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ, l-esponenti jopponi għal dan stante li din il-kwistjoni hija regolata ċara permezz ta' dispożizzjonijiet fil-Kap 16 u 69 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi l-intimat jirrileva illi huwa dejjem ħallas il-kera dovuta, liema kera dejjem ġiet aċċettata, u dejjem wettaq l-obbligi tiegħu skond il-liġi.*

5. *Illi għalhekk għandu jiġi ordnat mill-Bord li l-intimat ghandu jkompli jgawdi mill-protezzjoni li tipprovdi l-liġi;*

6. *Illi fid-deliberazzjoni tal-Bord, dan il-Bord għandu jieħu in konsiderazzjoni d-dħul baxx u limitat ta' l-intimat u konsegwentement ma jordnax l-iżgumbrament.*

7. *Illi b'referenza għall-ħames talba, din għandha tiġi miċħuda stante li fl-ewwel lok l-artikolu 1531F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ġie abolit permezz ta' l-At XXIV ta' 2021 u fit-tieni lok, kif diġà inghad, huwa jissodisfa t-test tal-mezzi.*

8. *Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat m'għandhux jbati l-ebda spejjeż in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, in kwantu li ma jistax jiġi kkastigat talli ottempera ruhu mal-liġi;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra n-Nota Ġuramentata tal-intimat ippreżentata fit-28 ta' April 2025 li flimkien magħha ġew ippreżentati diversi dokumenti;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti jikru l-fond numru 90, St. Trophimus Street, Sliema lill-intimat.

Illi fl-ewwel lok l-Awtorita` tad-Djar talbet li r-rikorrenti jġibu prova tat-titolu tagħhom u li huma waħedhom is-sidien tal-fond in kwistjoni. Fil-fehma tal-Bord din il-prova ġiet sodisfatta bid-dokumenti annessi mar-rikors promutur.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimat pproduċa prova tad-dħul u tal-assi tiegħu.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad-dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-intimat jirriżulta li fis-sena li nfetħet il-kawża l-intimat kellu tlieta u sittin (63) sena.

**<u>Fir-rigward tal-livell ta' dħul</u>**, persuna li jkollha bejn sitta u ħamsin (56) sena u ħamsa u sittin (65) sena tkun tista' tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu rilevanti ma jeċċedix l-erbgħa u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€44,500).[1]

**<u>Fir-rigward tal-livell ta' kapital</u>**, persuna bl-eta` tal-intimat, biex tissodisfa t-test tal-kapital, l-istess kapital ma jridx jeċċedi l-mitejn u tlettax-il elf ewro (€213,000) għall-perjodu rilevanti.[2]

Illi skont Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, *bonds*, *stocks*, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti, inkluż dawk bankarji, ma jirriżultax illi l-intimat jaqbeż l-ammonti ta' dħul u kapital imsemmija hawn fuq u kwindi jissodisfa l-kriterji tad-dħul u kapital tat-test tal-mezzi. Għalhekk il-Bord irid jgħaddi biex jiddetermina kemm għandha togħla l-kera.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' tliet mija u sittin elf ewro (€360,000). Il-Bord jirrileva illi mar-rikors promutur ir-rikorrenti ppreżentaw rapport redatt mill-Perit *ex parte* Aldo Caruana.[3]

---

[1] Ai termini ta' Regolament 3 (a) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għad-dħul bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena li jiġi intavolat fih ir-rikors abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

[2] Ai termini ta' Regolament 3 (b) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għall-kapital kif ikun fl-1 ta' Jannar, 2021, jew ħames (5) snin qabel ma jiġi intavolat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, skont liema data tiġi l-ewwel.

[3] Dokument H a fol. 33.

Madanakollu, ai termini tal-artikolu 23 (3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-Bord huwa tenut li joqgħod fuq il-valur mogħti mill-Membri Tekniċi tiegħu la darba ikunu unanimi.

Illi l-leġislatur ħalla f'idejn dan il-Bord biex jawmenta l-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) pero` mingħajr ma ta l-ebda linji gwida kif għandu jsir dan l-awment. Għalhekk il-Bord irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha ppreżentati quddiemu u jasal għal persentaġġ li fil-fehma tiegħu ikun ġust. Illi min-naħa waħda l-Bord għandu quddiemu intimat, li skont mill-informazzjoni pprovduta, jgħix bil-pensjoni u m'għandux xi mezzi finanzjarji sostanzjali. Min-naħa l-oħra hemm sidien li ma jistgħux jiddisponu kif iridu mill-proprjeta' tagħhom.

Illi dan il-Bord huwa konxju tal-għadd ta' sentenzi kostituzzjonali ppronunzjati favur is-sidien ta' fondi suġġetti għal kirja regolata bil-Kapitolu 69 qabel dan ġie emendat bl-Att XXIV tal-2021 u fejn ġie dikjarat li ġie leż id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta`. Għalhekk dan il-Bord huwa tal-fehma illi jrid joħloq bilanċ ġust bejn id-dritt tas-sid li jieħu frott mill-proprjeta` tiegħu u d-dritt tal-inkwilin li jkompli fit-tgawdija tal-fond fejn jgħix. Il-Bord jirrileva li huwa wkoll konsapevoli tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn id-direzzjoni hija li l-awment għandu jkun lejn il-massimu iktar milli lejn il-minimu.[4]

Illi l-Bord huwa wkoll konsapevoli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-inkwilini f'każijiet ta' awment ta' kera ta' kirjiet protetti. Kif jirriżulta mid-dokument ippreżentat mar-risposta tal-Awtorita` tad-Djar, l-inkwilin jista' jiġi mgħejjun mill-imsemmija Awtorita` skont il-proċedura stabbilita mill-istess Awtorita`. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet

[4] Ara **Gerald Camilleri et vs l-Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020, **Anthony Cesareo pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 u **Cauchi vs Malta** deċiża mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021.

**Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**[5], il-Qorti Kostituzzjonali meta trattat dwar l-artikolu 12B tal-Kapitolu 158[6] tenniet:

*"22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti, **Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana et** tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)"*[7]

Għalkemm iċ-ċitata sentenza kienet qiegħda titratta kwistjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-opinjoni tal-Bord l-istess insenjament japplika wkoll għall-awment ta' kirjiet taħt il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta peress li fejn jirrigwarda il-kriterji tat-test tal-mezzi u l-awment il-proċedura hija identika.

Illi, għalhekk, wara li l-Bord qies il-ġurisprudenza li żviluppat dawn l-aħħar snin, il-valur tal-fond in kwistjoni, il-mezzi tal-inkwilin u l-interessi tas-sidien, huwa tal-fehma illi jkun ġust li l-kera tal-fond in kwistjoni togħla bi 2% tal-valur tal-fond kif stmat mill-Membri Tekniċi tal-Bord. Għaldaqstant il-kirja awmentata għandha tkun ta' sebat elef u mitejn ewro (€7,200) fis-sena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimat billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi Hacik Marik huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond numru 90, St. Trophimus Street, Sliema ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[5] 1 ta' Diċembru 2021.

[6] L-Artikolu 12B kien ġie introdott bl-Att XXVII tal-2018 sabiex ikun hemm mekkaniżmu biex tiġi miżjuda l-kera taħt il-Kapitolu 158 u sabiex tingħata protezzjoni biss lil min jikkwalifika għat-test tal-mezzi.

[7] *Fil-każ ta' pensjonanti u nies li jgħixu bil-benefiċċju soċjali jkopri l-awment sa massimu ta' €10,000 fis-sena, filwaqt li fil-każ ta' min jaħdem bi qligħ id-differenza bejn 25% tal-qligħ u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.*

2. Jilqa' t-tieni talba u wara li eżamina l-mezzi tal-intimat Hacik Marik jiddikjara li jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

3. Jilqa' parzjalment it-tielet talba u jiddikjara u jiddeċiedi li ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond numru 90, St. Trophimus Street, Sliema qiegħda tiġi riveduta għall-ammont ta' sebat elef u mitejn ewro (€7,200) fis-sena pagabbli kull tliet (3) xhur bil-quddiem filwaqt li jiċħad dik il-parti tat-talba fejn intalab jistabilixxi kundizzjonijiet ġodda stante li l-liġi tirregola adegwatament l-obbligi tas-sid u l-inkwilin;

4. Jilqa' r-raba' talba u jikkundanna lill-intimat Hacik Marik jibda jħallas lir-rikorrenti l-kera kif riveduta u dana mid-data ta' din is-sentenza;

5. Jiċħad il-ħames talba;

6. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

____________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**